



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.11.2018
COM(2018) 735 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**dwar l-eżerċizzju tad-delega mogħtija lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru
443/2009 li jstabilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet minn karozzi ġodda
tal-passiġġieri bħala parti mill-approċċ integrat tal-Komunità biex jitnaqqsu l-
emissjonijiet ta' CO₂ minn vetturi ħfief**

1. Introduzzjoni

Ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ jistabbilixxi l-miri għall-emissjonijiet medji tas-CO₂ minn vetturi ġodda tal-passiġġieri rreġistrati fl-Unjoni, li jridu jinkisbu permezz ta' titjib fit-teknoloġija tal-vetturi u ta' teknoloġiji innovattivi.

Ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati, kif imsemmi fl-Artikolu 14a(2) bil-ħsieb li:

- temenda l-Anness II u tadotta regoli dettaljati għall-monitoraġġ u r-rappurtar tad-*data* dwar l-emissjonijiet medji, kif previst fl-Artikolu 8(9);
- tissupplimenta r-Regolament, fost l-oħrajn, fejn jidħlu l-interpretazzjoni tal-kriterji ta' eliġibbiltà għad-derogi, il-kontenut tal-applikazzjonijiet, u l-kontenut u l-valutazzjoni ta' programmi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂, kif previst fl-Artikolu 11(8);
- sal-31 ta' Ottubru 2014 (u kull tliet snin minn dakinhar), temenda l-Anness I biex tiġi aġġustata ċ-ċifra ta' M0 għall-massa medja ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri fit-tliet snin preċedenti, kif previst fl-Artikolu 13(2);
- temenda l-Anness I, biex tadatta l-formoli biex jiġu ddeterminati l-emissjonijiet speċifiċi indikattivi tas-CO₂ ta' vetturi tal-passiġġieri, kif previst fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 13(7).

2. Bażi ġuridika

B'dan ir-rapport, il-Kummissjoni għandha l-għan li tissodisfa l-obbligu stabbilit fl-Artikolu 14a(2) tar-Regolament (KE) Nru 443/2009. Skont dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati għal perjodu ta' ħames snin, li jibda mit-8 ta' April 2014. Il-Kummissjoni hija meħtieġa wkoll tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-eżerċizzju tad-delega mogħtija lilha b'dak ir-Regolament. Ir-rapport għandu jitfassal sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel ma jintemm il-perjodu ta' ħames snin tad-delega. Id-delega tas-setgħa tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi tal-istess tul ta' żmien, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Eżerċizzju tad-delega

L-Artikolu 14a(2) tar-Regolament (KE) Nru 443/2009 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 8(9), fl-Artikolu 11(8), fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 13(2) u fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 13(7) ta' dak ir-Regolament.

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li jistabbilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet minn karozzi ġodda tal-passiġġieri bħala parti mill-proċess integrat tal-Komunità biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO₂ minn vetturi ħfief, ĠU L 140, 05.6.2009, p. 1.

3.1 L-Artikolu 8(9) tar-Regolament (KE) Nru 443/2009 jeħtieġ li l-Kummissjoni temenda l-Anness II u tistabilixxi, permezz ta' atti delegati, regoli dettaljati għall-monitoraġġ u għar-rappurtar tad-*data* dwar l-emissjonijiet medji ta' vetturi tal-passiġġieri ġodda rreġistrati fit-territorju tal-UE.

Fit-2 ta' Ġunju 2017 ġie adottat att delegat² u ntbaġhat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għall-iskrutinju. Wieħed mill-għanijiet tal-att kien li jadatta r-rekwiżit ta' rappurtar u ta' monitoraġġ għall-bidla fil-proċedura tat-test regolatorju għall-kejl ta' emissjonijiet bħal dawn (ara t-Taqsima 3.4).

3.2 L-Artikolu 11(8) tar-Regolament (KE) Nru 443/2009 jeħtieġ li l-Kummissjoni tadotta atti delegati sabiex tissupplimenta r-Regolament, fost l-oħrajn, fejn jidħlu l-interpretazzjoni tal-kriterji ta' eliġibbiltà għad-derogi, il-kontenut tal-applikazzjonijiet, u l-kontenut u l-valutazzjoni tal-programmi għat-tnaqqis ta' emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂.

Billi s-setgħa għall-adozzjoni ta' atti delegati ġiet mogħtija lill-Kummissjoni³, ma ġie adottat l-ebda att delegat għall-fini tal-Artikolu 11(8).

3.3 L-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KE) Nru 443/2009 jeħtieġ li l-Kummissjoni tadotta atti delegati biex sal-31 ta' Ottubru 2014 (u kull tliet snin minn dik id-*data* 'l quddiem) temenda l-Anness I ta' dak ir-Regolament. L-għan ta' din ir-responsabbilizzazzjoni huwa li jiġi żgurat l-adattament regolari tal-valur tal-massa medja li jintuża għall-kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ minn karozzi ġodda tal-passiġġieri, billi titqies il-massa medja tal-vetturi l-ġodda rreġistrati fl-Unjoni fil-perjodu tat-tliet snin preċedenti.

L-ewwel att delegat⁴ ġie adottat mill-Kummissjoni fil-31 ta' Ottubru 2014 u ntbaġhat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għall-iskrutinju. It-tieni att delegat⁵ ġie adottat mill-Kummissjoni tliet snin wara — fit-23 ta' Jannar 2018 — u ntbaġhat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għall-iskrutinju.

² Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1502 tat-2 ta' Ġunju 2017 li jemenda l-Annessi I u II tar-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill bl-iskop li jiġu adattati għall-bidla fil-proċedura tat-test regolatorju għall-kejl tal-emissjonijiet tas-CO₂ minn vetturi ħfief, ĠU L 221, 26.08.2017, p. 4.

³ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 397/2013 tat-30 ta' April 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-monitoraġġ tal-emissjonijiet ta' CO₂ minn karozzi ġodda tal-passiġġieri, ĠU L 120, 01.05.2013, p. 4-8.

⁴ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/6 tal-31 ta' Ottubru 2014 li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill sabiex iqis l-evoluzzjoni tal-massa tal-karozzi l-ġodda tal-passiġġieri rreġistrati fl-2011, l-2012 u l-2013, ĠU L 3, 07.01.2015, p. 1.

⁵ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/649 tat-23 ta' Jannar 2018 li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-evoluzzjoni tal-massa tal-karozzi l-ġodda tal-passiġġieri rreġistrati fl-2014, l-2015 u l-2016, ĠU L 108, 27.04.2018, p. 14-15.

3.4 It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(7) tar-Regolament (KE) Nru 443/2009 jeħtieġ li l-Kummissjoni tadotta atti delegati sabiex tadatta l-formoli stabbiliti fl-Anness I ta' dak ir-Regolament.

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1502 ġie adottat mill-Kummissjoni fit-2 ta' Ġunju 2017 u ntbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għall-iskrutinju. L-għan ewlieni ta' dan l-att legali huwa li jadatta l-miri speċifiċi tal-emissjonijiet tas-CO₂ u r-rekwiżit tal-monitoraġġ u tar-rappurtar għall-bidla fil-proċedura tat-test regolatorju għall-kejl ta' emissjonijiet bħal dawn. Il-Proċedura ta' Ttestjar Armonizzata fuq Livell Dinji għall-Vetturi Ħfief (WLTP) hija stabbilita fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151⁶ u tissostitwixxi ċ-Ċiklu ta' Sewqan Ewropew Ġdid (NEDC) skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008⁷, b'effett mill-1 ta' Settembru 2017.

4. Konklużjoni

Ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 ilu japplika mill-2009. Sa issa, il-Kummissjoni adottat atti delegati biex tiddefinixxi u temenda r-regoli għall-monitoraġġ u għar-rappurtar tad-*data* dwar l-emissjonijiet medji, b'mod partikolari l-aġġustament tal-formoli tal-kalkolu tal-miri u tal-valuri tal-massa fl-Annessi I u II ta' dak ir-Regolament. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ma qajmu l-ebda oġġezzjoni bħala riżultat tal-iskrutinju ta' dawk l-atti.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jieħdu nota ta' dan ir-rapport.

⁶ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 tal-1 ta' Ġunju 2017 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi, li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1230/2012 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 692/2008, ĠU L 175, 7.7.2017, p. 1.

⁷ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 tat-18 ta' Lulju 2008 li jimplementa u jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura, ĠU L 199, 28.7.2008, p. 1.